# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-23 ta' Frar, 2017.**

**Rikors Numru 67/2017**

**Fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni**
**fl-ismijiet:**

**Patrick Otto Michael Wrede (Detentur tal-Passaport Ingliz numru 704164605), kif lokalment rapprezentat mill-mandatarju specjali tieghu Avukat Dottor Paul Micallef Grimaud (ID Numru 67579M);**

**vs.**

**Peter Massine (Detentur tal-Passaport Germaniz bin-numru 255639676);**
**Registratur tal-Kumpaniji;**
**Claudine Attard (ID numru 487171M);**
**u Paul Farrugia (ID numru 480664M)**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur datat iz-17 ta' Jannar, 2017, (ara foll 1);

2.0 Regghet rat id-digriet preliminari taghha datat ukoll iz-17 ta' Jannar, 2017, li permezz tieghu, wara li:

2.1. Iddikjarat li rat l-istess rikors;

2.2. Laqghet provizorjament it-talbiet hemm inkluzi;

2.3. Ordnat in-notifika tal-istess ghar-risposta skont il-ligi;

2.4. Appuntat l-istess rikors ghas-smigh fid-data hemm indikata, (ara foll 1 u 11);

3.0. Illi essenzjalment din il-procedura hi, fil-mertu limitat taghha, ibbazata fuq l-istess fatti elenkati fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni li jgib in-numru 82/2017 deciz illum stess, fejn anke it-trattazzjoni sussegwenti ghar-rikors *de quo* tapplika ukoll ghar-rikors odjern, ghalkemm il-procedura *per se* hi intiza specifikatament biex:

3.1. Izzomm lir-Registratur intimat milli jirregistra xi dokument, inkluz rizoluzzjonijiet, tas-socjeta` *Bright Stone Holding Limited – C-40891*, (ara foll 1);

3.2. Izzomm lill-intimata Attard, (ara foll 1), jew Attard Farrugia, (ara foll 53), biex bhala segretarju tal-istess socjeta` indikata fil-paragrafu precedenti tindika lill-intimat Massine bhala azzjonist tal-istess socjeta` fir-registru tal-membri tal-istess socjeta`, (ara foll 1);

3.3. Izzomm lill-intimat Farrugia biex bhala direttur tal-imsemmija socjeta` milli jipprocessa jew jiehu xi azzjoni a bazi tal-allegati drittijiet tal-imsemmi intimat Massine fl-istess socjeta` fuq indikata, (ara foll 1);

3.4. Izzomm ukoll finalment lill-imsemmi intimat Massine milli jagixxi bhala azzjonist tal-istess socjeta` jew jezercita xi

dritt naxxenti mill-ligi jew mill-*"Memorandum and Articles of Association"* taghha, (ara foll 1);

4. Illi ghalhekk, a skans ta' ripetizzjoni inutili u ta' dilungar bla bzonn, din il-qorti taghmel riferenza ghall-analizi fattwali u legali elenkat fid-digriet *camerali* taghha fl-atti tal-istess rikors indikat fil-paragrafu precedenti u tiddikjara li qed tadottah *in toto* anke f'din il-procedura;

Ikkunsidrat:

5.0. Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti hi allura kostretta li tirrespingi t-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-mandat in dizamina *stante* li mhux ir-rekwiziti kollha in dizamina gew sodisfatti, u konsegwentement:

**DECIDE:**

5.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

5.2. Takkolji r-risposti tal-intimati;

5.3. Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet preliminari precedenti taghha datat iz-17 ta' Jannar, 2017;

5.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**